**K.L.B.L. 41/8/2000**

## ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. XV TA' L-1993)

### *Bye-Laws* ta' l-2000 li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Msida)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 60 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali u skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 35 ta' l-imsemmi Att, il-Kunsill Lokali ta' Msida għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.1** Dawn il-*Bye-Laws* jistgħu jissejħu l-*Bye-Laws* ta' l-2000 biex jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Msida), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mal-*Bye-Laws* ta' l-1999 dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Msida), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-*Bye-Laws* prinċipali".

K.L.B.L. 41/16/99

**1.2** Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jissostitwixxi Artikolu 3.5 tal-*Bye-Laws* prinċipali.

**2.** Fl-artikolu 3.5 tal-*Bye-Laws* prinċipali minflok il-kliem "għandu jitħallas dritt ta' mhux aktar minn ħamsin ċenteżmu għal kull jum li matulu jibqa' mwaħħal ir-reklam:" għandu jidħol il-kliem "għandu jitħallas dritt kif hemm stabbilit fi Skeda A li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*:".

Iżid Skeda A mal-*Bye-Laws* prinċipali.

**3.** Minnufih fi tmiem l-artikolu 4 tal-*Bye-Laws* prinċipali għandha tiżdied din l-Iskeda li ġejja:

**"SKEDA A**

(Artikolu 3.5)

**Drittijiet dovuti għal Reklamar fuq Għamara tat-Toroq.**

**Ħlas dovut għal kull reklam:**

| | Ġimgħatejn | Xahar | Sena |
|---|---|---|---|
| Kull area sa 0.25 metru kwadru | Lm 3.00 | Lm 5.00 | Lm 20.00 |
| Kull area sa 1.0 metru kwadru | Lm 6.00 | Lm10.00 | Lm 50.00 |
| Kull area sa 2.0 metri kwadri | Lm12.00 | Lm20.00 | Lm100.00 |

'Il fuq minn 2.0 metri kwadri – Lm2.00 kuljum b'minimu ta' Lm40"